

Brussell, 14 ta' Novembru 2024
(OR. en)

15059/24

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0230(NLE)

SAN 617
SOC 813

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti mingħajr duġġan u aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02 (bażi legali proposta mill-Kummissjoni: Artikolu 168(6) TFUE) - <i>Adozzjoni</i>

1. Fit-18 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni Ewropea ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti mingħajr duġġan u aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02¹, ibbażata fuq l-Artikolu 168(6) TFUE bl-oġġettiv li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti aħjar mid-duġġan u l-aerosols mingħand ħaddieħor.
2. Il-proposta taġġorna d-dispożizzjonijiet attwali u testendi l-kamp ta' applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni biex tindirizza prodotti ġodda li jarmu d-duġġan u l-aerosols u l-użu taġġhom fi spazji fuq ġewwa u fi spazji speċifiċi fil-beraħ fid-dawl ta' evidenza ġdida u żviluppi f'prodotti. Din ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tiffirma parti mill-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer.
3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika eżamina l-proposta fil-laqgħat tiegħu tal-25 ta' Settembru u l-10 ta' Ottubru 2024 u wara kellu konsultazzjoni informali bil-miktub li ġiet konkluża fl-24 ta' Ottubru.
4. Fis-6 ta' Novembru 2024, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-qbil milħuq fil-Grupp ta' Ħidma dwar is-Saħħa Pubblika u qabel li jippreżenta t-test korrispondenti² lill-Kunsill EPSCO tat-3 ta' Diċembru 2024 għall-adozzjoni.

¹ 13519/24 + ADD 1-3

² 14603/24

5. Il-Kunsill huwa mistieden:

- a) jadotta, fis-sessjoni tiegħu tat-3 ta' Diċembru 2024, ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-ambjenti mingħajr duġġan u aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02, kif tinsab fl-Anness ta' din in-nota, u
- b) idaħħal fil-minuti tal-Kunsill id-dikjarazzjoni fl-addendum ta' din in-nota.

6. Wara li tkun ġiet adottata r-Rakkomandazzjoni, din ser tiġi ppubblikata f*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Proposta għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar l-ambjenti mingħajr duġġan u aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill
2009/C 296/02

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(6) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Skont l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO), l-esponiment għad-duġġan tat-tabakk mingħand ħaddieħor huwa sors mifrux ta' mortalità, morbidità u diżabilità fl-Unjoni. Tali esponiment huwa assoċjat mal-konsum tat-tabakk, li jibqa' l-kawża ewlenija ta' kanċers li jistgħu jiġu evitati, b'27 % tal-kanċers kollha attribwiti għall-użu tat-tabakk.
- (2) L-użu tat-tabakk għadu mifrux, fuq livell dinji u madwar l-Unjoni kollha. Fl-2023, ġie stmat li 24 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni Ewropea jpejpu¹.
- (3) Il-kost ekonomiku annwali dinji tat-tipjip kien stmat għal USD 1.4 triljun fl-2012, li hu ekwivalenti għal 1.8 % tal-prodott domestiku gross (PDG) dinji. Fl-2009, it-tipjip tat-tabakk diġà sewa lill-UE EUR 544 biljun, li huwa madwar 4.6 % tal-PDG ikkombinat tal-UE2².

¹ Ewrobarometru Speċjali 539. 2023. Attitudes of Europeans towards tobacco and related products. ISBN: 978-92-68-07599-9.

² Health Promotion (who.int), Tobacco and Smoking | Knowledge for policy (europa.eu).

- (4) Huwa xieraq li jingħata kontribut għat-tnaqqis tar-rati tat-tipjip fl-Unjoni, f'konformità mal-obiettiv tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer³ li tinkiseb ġenerazzjoni ħielsa mit-tabakk fejn anqas minn 5 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni tuża prodotti tat-tabakk sal-2040.
- (5) Il-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (FCTC) tad-WHO ġiet żviluppata bil-għan li trawwem rispons internazzjonali effettiv u komprensiv għat-tixrid tal-epidemija dinjija tat-tabakk. L-Artikolu 8 tal-FCTC jirrikjedi li l-partijiet tagħha jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan tat-tabakk mingħand ħaddieħor fil-postijiet tax-xogħol, fit-trasport pubbliku u fil-postijiet fuq ġewwa; il-Linji gwida annessi mal-FCTC għandhom l-għan li jgħinu lill-partijiet jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont dak l-Artikolu.
- (6) L-Istrateġija Ewropea dwar il-Ġlieda kontra t-Tabakk adottata mill-Kumitat Reġjonali għall-Ewropa tad-WHO f'Settembru 2002 irrakkomandat li l-Istati Membri tad-WHO jiżguraw d-drittijiet taċ-ċittadini għal ambjent mingħajr duħħan billi, fost l-oħrajn, jagħmlu l-ispazji pubbliċi, il-postijiet tax-xogħol u t-trasport pubbliku mingħajr duħħan, jipprojbixxu t-tipjip fil-beraħ fl-istituzzjonijiet edukattivi kollha għall-minuri, fil-postijiet kollha tal-ġhoti tal-kura tas-saħħa u fl-avvenimenti pubbliċi, kif ukoll billi jikklassifikaw id-duħħan ambjentali tat-tabakk (ETS) bħala karċinoġenu⁴.
- (7) L-emissjonijiet mingħand ħaddieħor minn prodotti emerġenti jista' potenzjalment ikollhom impatti ta' ħsara fuq is-saħħa. Id-WHO tenfasizza li l-emissjonijiet mingħand ħaddieħor minn prodotti emerġenti jistgħu jesponu lill-persuni għal livelli potenzjalment dannużi ta' materja partikolata u sustanzi tossiċi ewlenin.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, COM(2021) 44 final.

⁴ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. 2002. European Strategy for Tobacco Control.
<https://iris.who.int/handle/10665/107455>

- (8) Id-WHO^{5,6,7} enfasizzat, fost kwistjonijiet oħra relatati ma' prodotti emerġenti, l-effetti negattivi fuq is-saħħa mill-esponiment għal aerosols mingħand ħaddieħor. Pereżempju, evidenza reċenti indikat li l-esponiment għall-emissjonijiet mingħand ħaddieħor minn prodotti tat-tabakk imsaħħna kien assoċjat ma' anormalitajiet respiratorji u kardjovaskulari sinifikanti f'persuni fil-qrib^{8,9,10,11,12,13}. Barra minn hekk, l-aerosols mingħand ħaddieħor minn sigaretti elettroniċi, inkluż kemm dawk bin-nikotina kif ukoll dawk mingħajrha, jesponu lill-persuni fil-qrib għal livelli kwantifikabbli ta' materja partikolata u sustanzi tossiċi u kontaminanti ewlenin^{14,15,16,17,18,19,20}.

-
- ⁵ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Report on the global tobacco epidemic 2023: protect people from tobacco smoke. 2023. ISBN: 978-92-4-007716-4, p. 31-32.
- ⁶ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Technical note on the call to action on electronic cigarettes. 2023. p. 3-4. <https://www.who.int/publications/m/item/technical-note-on-call-to-action-on-electronic-cigarettes>
- ⁷ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Electronic cigarettes call to action. 2023. <https://www.who.int/publications/m/item/electronic-cigarettes---call-to-action>
- ⁸ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa. Heated tobacco products: summary of research and evidence of health impacts. 2023. p. 12-13. <https://www.who.int/publications/i/item/9789240042490>
- ⁹ L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa: WHO study group on tobacco product regulation: Report on the scientific basis of tobacco product regulation: eighth report of a WHO study group. 2021. <https://www.who.int/publications/i/item/9789240022720>
- ¹⁰ Yoshioka T, Shinzaki T, Hori A, Okawa S, Nakashima K, Tabuchi T. Association between exposure to secondhand aerosol from heated tobacco products and respiratory symptoms among current non-smokers in Japan: a cross-sectional study. *BMJ Open*. 2023;13:e065322. doi: 10.1136/bmjopen-2022-065322
- ¹¹ Imura Y, Tabuchi T. Exposure to secondhand heated-tobacco-product aerosol may cause similar incidence of asthma attack and chest pain to secondhand cigarette exposure: the JASTIS 2019 study. *Int J Environ Res Public Health*. 2021;18(4):1766. doi: 10.3390/ijerph18041766
- ¹² Uguna CN, Snape CE. Should IQOS emissions be considered as smoke and harmful to health? A review of the chemical evidence. *ACS Omega*. 2022;7(26):22111–24. doi: 10.1021/acsomega.2c01527.
- ¹³ Auer R, Concha-Lozano N, Jacot-Sadowski I, Cornuz J, Berthet A. Heat-not-burn tobacco cigarettes: smoke by any other name. *JAMA Intern Med*. 2017;177(7):1050–2. doi: 10.1001/jamainternmed.2017.1419.
- ¹⁴ Fernández E, Ballbè M, Sureda X, Fu M, Saltó E, Martínez-Sánchez JM. Particulate matter from electronic cigarettes and conventional cigarettes: a systematic review and observational study. *Curr Environ Health Rep*. 2015;2(4):423–9. doi: 10.1007/s40572-015-0072-x.
- ¹⁵ Li L, Lin Y, Xia T, Zhu Y. Effects of electronic cigarettes on indoor air quality and health. *Annu Rev Public Health*. 2020;41(1):363–80. doi: 10.1146/annurev-publhealth-040119-094043.
- ¹⁶ Hess I, Lachireddy K, Capon A. A systematic review of the health risks from passive exposure to electronic cigarette vapour. *Public Health Research & Practice*. 2016;26(2).
- ¹⁷ Borgini A, Veronese C, De Marco C, Boffi R, Tittarelli A, Bertoldi M et al. Particulate matter in aerosols produced by two last generation electronic cigarettes: a comparison in a real-world environment. *Pulmonology*. 2021.
- ¹⁸ Exposure to aerosols from smoking-proxy electronic inhaling systems: a systematic review. Barcelona: Tobacco Control Unit, Institut Català d'Oncologia; 2016.
- ¹⁹ Lerner CA, Sundar IK, Yao H, Gerloff J, Ossip DJ, McIntosh S et al. Vapors produced by electronic cigarettes and e-juices with flavorings induce toxicity, oxidative stress, and inflammatory response in lung epithelial cells and in mouse lung. *PLoS One*. 2015;10(2):e0116732
- ²⁰ Glantz, S.A., Nguyen, N., & Oliveira da Silva, A.L. (2024). Population-Based Disease Odds for E-Cigarettes and Dual Use versus Cigarettes. *NEJM Evidence*, 3(3). DOI: 10.1056/EVIDoa2300229.

- (9) Id-WHO tqis li l-ebda livell ta' esponiment sekondarju mhuwa sikur jew aċċettabbli⁴ u għalhekk jenħtieġ li jittieħed approċċ metikoluż. Id-WHO tirrakkomanda l-applikazzjoni ta' miżuri biex jiġi miġġieled it-tabakk, inkluż il-protezzjoni mill-esponiment, għas-sigaretti elettroniċi^{21,4,5}.
- (10) Fl-opinjoni tiegħu tal-2021 dwar is-sigaretti elettronici²², il-Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti (SCHEER) ikkonkluda li hemm evidenza dgħajfa sa moderata tar-riskji ta' ħsara respiratorja, kardjovaskulari u karċinoġenika minħabba l-esponiment għall-aerosols mingħand ħaddieħor minn sigaretti elettroniċi.
- (11) Ambjenti mingħajr duħħan u aerosols huma approċċ rikonoxxut u pprovat fuq livell dinji biex tiġi protetta b'mod adegwat saħħet in-nies mill-effetti tad-duħħan tat-tabakk u tal-aerosols mingħand ħaddieħor.
- (12) F'dawn l-aħħar snin, il-prodotti emerġenti bħas-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħna kkonsolidaw l-ishma tas-suq tagħhom u l-użu tagħhom qed jiżdied. Abbażi tad-data tal-Ewrobarometru, il-prevalenza tal-użu tas-sigaretti elettroniċi fl-Unjoni kollha hija ta' 3 % u l-prevalenza tal-użu tal-prodotti tat-tabakk imsaħħna hija ta' 2 %.
- (13) Kwistjoni ta' tħassib speċifiku b'rabta mal-iżvilupp tas-suq tal-prodotti emerġenti, bħas-sigaretti elettroniċi u l-prodotti tat-tabakk imsaħħna, hija l-użu partikolari tagħhom u kemm dawn huma attraenti fost it-tfal u ż-żgħażaġh.

²¹ "Applying tobacco control measures to e-cigarettes, including the supply and demand reduction measures of the WHO FCTC" (paġina 3, https://cdn.who.int/media/docs/default-source/tobacco-hq/regulating-tobacco-products/ends-call-to-action.pdf?sfvrsn=ea4c4fdb_12&download=true, b'referenza għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk (paġna 8, <https://iris.who.int/bitstream/handle/10665/42811/9241591013.pdf?sequence=1>).

²² SCHEER (Kumitat Xjentifiku dwar ir-Riskji Sanitarji, Ambjentali u Emerġenti). Opinion on electronic cigarettes. 16 April 2021.

- (14) L-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols mingħand ħaddieħor huwa partikolarment perikoluż għat-tfal u għall-adolexxenti u jista' jżid il-probabbiltà li dawn jibdew ipejpu^{4,5,6}.
- (15) FI-2023, għe stmat li 54 % ta' dawk li jpejpu attwalment u ta' dawk li kienu jpejpu bdew ipejpu regolarment qabel l-età ta' 19-il sena, u 14 % qabel l-età ta' 15-il sena, matul tfulithom¹.
- (16) L-użu tal-prodotti emerġenti li fihom in-nikotina, b'mod partikolari miż-żgħażaġh, huwa assoċjat ma' vizzju u jista' jsir punt tat-tluq għall-użu aktar tard ta' prodotti tat-tabakk tradizzjonali⁴.
- (17) Huwa importanti li mhux biss jitqiesu l-iżviluppi reċenti tas-suq u dawk teknoloġiċi relatati ma' prodotti emerġenti iżda wkoll li jiġu kkoordinati aħjar l-oqfsa regolatorji nazzjonali kontra d-duħħan u l-aerosols u li jiġi żgurat aħjar li dawn jibqgħu validi fil-futur.
- (18) Bħalissa, hemm esponiment sinifikanti għad-duħħan u għall-aerosols mingħand ħaddieħor f'postijiet bħall-ispazji fil-beraħ tal-postijiet tal-ospitalità u l-ispazji fil-beraħ maħsuba għall-użu mit-tfal u mill-adolexxenti. Skont l-istħarriġ tal-Ewrobarometru tal-2023, 74 % ta' dawk li wiegħbu esperjenzaw nies ipejpu f'terrazzini fil-beraħ f'dawn l-aħħar sitt xhur, u 71 % ta' dawk li wiegħbu esperjenzaw nies jużaw sigaretti elettroniċi u prodotti tat-tabakk imsaħħna f'postijiet bħal dawn. 42 % ta' dawk li wiegħbu qalu li esperjenzaw nies ipejpu f'postijiet fil-beraħ maħsuba għall-użu mit-tfal u l-adolexxenti, u 49 % ta' dawk li wiegħbu qalu li esperjenzaw nies jużaw sigaretti elettroniċi u prodotti tat-tabakk imsaħħna f'postijiet bħal dawn¹.

- (19) Diversi Stati Membri ħadu miżuri protettivi, inkluż il-projbizzjoni tat-tipjip f'postijiet fuq ġewwa u fil-beraħ jew il-projbizzjoni tal-użu ta' prodotti emerġenti f'postijiet pubbliċi^{23,24}.
- (20) Għalhekk, huwa xieraq li jiġi estiż l-kamp tal-applikazzjoni tar-Rakkomandazzjoni biex tinkludi l-ispazji fil-beraħ speċifiċi biex in-nies fl-Unjoni, speċjalment it-tfal, iż-żgħażaġh u n-nies vulnerabbli, pereżempju ċittadini b'mard kroniku jew b'kundizzjonijiet sottostanti ta' saħħa oħra, u nisa tqal, jiġu protetti aħjar mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols mingħand ħaddieħor mill-prodotti emerġenti, bħal prodotti tat-tabakk imsaħħna; sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le; surrogati tat-tabakk; u kwalunkwe prodott ieħor li jarmi duħħan u/jew aerosols bħal prodotti tat-tipjip erbali jew prodotti erbali msaħħna.
- (21) B'appoġġ għar-reviżjoni tar-Rakkomandazzjoni, tnediet sejħa għal evidenza minn Ġunju sa Lulju 2022 u r-rappreżentanti tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, tal-operaturi ekonomiċi rilevanti u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħrajn ġew ikkonsultati permezz ta' attivitajiet ta' konsultazzjoni mmirati minn Marzu sa Mejju 2023.
- (22) Il-Kunsill jieħu nota li l-Kummissjoni biħsiebha tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni effettiva tar-Rakkomandazzjoni permezz ta' programmi u għodod ta' kollaborazzjoni eżistenti tal-Unjoni.

²³ Id-Dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-Ambjenti Mingħajr Duħħan u Aerosol li tissostitwixxi r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 2009/C 296/02, 13519/24 ADD2

²⁴ Study on smoke-free environments and advertisement of tobacco and related products, 2021

- (23) B'mod partikolari, il-Kunsill jieħu nota li l-Kummissjoni beħsiebha tgħin fit-tiħiħ tar-riċerka f'dan il-qasam. Jenħtiegħ li dawn l-isforzi ta' riċerka jinkludu prodotti emerġenti (bħas-sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le, u prodotti tat-tabakk imsaħħna); is-surrogati tat-tabakk li jarmu duħħan jew aerosols u kwalunkwe prodott ieħor li jarmi d-duħħan u/jew l-aerosols; u prodotti li jirrilaxxaw in-nikotina u prodotti li jixbhu l-użu ta' prodotti li jirrilaxxaw in-nikotina. Huwa previst ukoll it-tiħiħ tal-kooperazzjoni internazzjonali, inkluż fir-riċerka, dwar is-suġġetti koperti minn din ir-Rakkomandazzjoni.
- (24) Il-Kunsill jieħu wkoll nota li l-Kummissjoni biħsiebha tiżviluppa sett ta' għodod ta' prevenzjoni li jappoġġaw il-protezzjoni mtejba tas-saħħa tat-tfal u taż-żgħażaġħ fl-aktar snin vulnerabbli u formattivi ta' ħajjithom, li jenfasizzaw il-prevenzjoni tal-vizzju tat-tipjip u n-nikotina, u li jindirizzaw l-interkonnessjonijiet bejn is-saħħa mentali u dik fiżika u d-determinanti ewlenin tas-saħħa.
- (25) Il-Kunsill jieħu wkoll nota li l-Kummissjoni biħsiebha tirrapporta dwar il-progress li sar fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri, fi żmien ħames snin mill-adozzjoni tagħha.

- (26) Jenħtieġ li jitqiesu l-Linji Gwida annessi dwar il-protezzjoni mill-esponiment għad-duħħan tat-tabakk, kif adottati mit-Tieni Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Qafas dwar il-Kontroll fuq it-Tabakk tad-WHO. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħeġġu jespandu u jmorru lil hinn mill-miżuri li jinsabu f'dawk il-Linji gwida.
- (27) Din ir-Rakkomandazzjoni tkopri kamp ta' applikazzjoni usa' mir-Rakkomandazzjoni 2009/C 296/02 u tissostitwiha bl-għan li n-nies fl-Unjoni jiġu protetti aħjar mid-duħħan u mill-aerosols mingħand ħaddieħor, filwaqt li tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-oġettivi relatati mat-tabakk tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u tikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-prevalenza u d-denormalizzazzjoni tat-tipjip u tal-użu tal-prodotti emerġenti.
- (28) In-normalizzazzjoni tat-tipjip u t-tnaqqis tal-prevalenza tat-tipjip u l-użu ta' prodotti emerġenti jitolbu sett komprensiv ta' azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk huwa importanti li din ir-Rakkomandazzjoni tkun akkumpanjata minn ħidma intensa dwar l-evalwazzjoni u r-reviżjoni tal-leġislazzjoni tal-UE dwar it-tabakk, b'mod partikolari l-indirizzar tat-tħassib dwar l-aċċess taż-żgħażaġh għal prodotti ġodda tat-tabakk u n-nikotina.

B'DAN JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI, b'kont meħud tal-kompetenzi u l-ispeċifitàjiet nazzjonali relatati mal-implimentazzjoni:

1. Jipprovdur protezzjoni effettiva mill-esponiment għad-duħħan tat-tabakk f'postijiet tax-xogħol fuq ġewwa, f'postijiet pubbliċi fuq ġewwa u fit-trasport pubbliku kif stipulat fl-Artikolu 8 tal-FCTC u abbażi tal-Linji Gwida annessi dwar il-protezzjoni mill-esponiment għad-duħħan tat-tabakk adottati mit-Tieni Konferenza tal-Partijiet għall-FCTC.
2. Jipprovdur protezzjoni effettiva f'postijiet tax-xogħol fuq ġewwa, f'postijiet pubbliċi fuq ġewwa u fit-trasport pubbliku mill-esponiment għall-emissjonijiet mingħand ħaddieħor li joriġinaw mill-użu ta' prodotti emerġenti li jarmu duħħan jew aerosols, pereżempju prodotti tat-tabakk imsaħħna; sigaretti elettroniċi, kemm jekk fihom in-nikotina kif ukoll jekk le; surrogati tat-tabakk; u kwalunkwe prodott ieħor li jarmi duħħan u/jew aerosols bħal prodotti tat-tipjip erbali (minn hawn 'il quddiem imsejja, flimkien mal-esponiment għad-duħħan tat-tabakk, bħala "esponiment għal duħħan u aerosols mingħand ħaddieħor").
3. Jipprovdur protezzjoni effettiva mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols mingħand ħaddieħor f'żoni għar-rikreazzjoni fil-beraħ apposta, speċjalment fejn it-tfal, iż-żgħażaġh u persuni vulnerabbli spiss ikunu preżenti. Dawn jenħtieġ li jinkludu l-bandli pubbliċi, il-parks tad-divertiment, il-pixxini, il-bajjiet, iż-żoos u spazji simili oħrajn fil-beraħ.
4. Jipprovdur protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols mingħand ħaddieħor f'żoni fil-beraħ jew parzjalment fil-beraħ assoċjati mal-istabbilimenti tas-servizzi (eż. iż-żoni parzjalment mgħottija, imdawra bil-ħitan jew b'reċint jew inkella delinjati ħdejn stabbiliment jew qribu, inkluż il-bjut, il-gallariji, il-verandi jew it-terrazzini). Dawn jenħtieġ li jinkludu l-ispace fil-beraħ tar-ristoranti, il-ħwienet tax-xorb, il-kafetteriji u l-ispace fil-beraħ ta' bini simili ieħor.

5. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols mingħand ħaddieħor f'żoni fil-beraħ jew parzjalment fil-beraħ marbuta mat-trasport pubbliku, inkuż fil-waqfiet tax-xarabank, tat-tram u tal-ferrovija u fl-ajruporti.
6. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols mingħand ħaddieħor f'żoni fil-beraħ assoċjati ma' post tax-xogħol.
7. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols mingħand ħaddieħor f'żoni fil-beraħ assoċjati ma' bini relatat mal-kura tas-saħħa. Tali binjiet jenħtieġ li jinkludu l-isptarijiet, il-kliniċi, iċ-ċentri tas-saħħa, id-djar tal-anzjani u bini ieħor simili.
8. Jipprovdu protezzjoni effettiva mid-duħħan u mill-aerosols mingħand ħaddieħor użati f'żoni fil-beraħ assoċjati ma' bini li jipprovdi edukazzjoni u taħriġ lit-tfal u liż-żgħażaġħ. Tali binjiet jenħtieġ li jinkludu l-istituzzjonijiet ta' indukrar tat-tfal ta' qabel il-primarja, l-iskejjel primarji u sekondarji, l-istituzzjonijiet ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali, l-universitajiet, iċ-ċentri taż-żgħażaġħ u bini ieħor simili.
9. Jikkunsidraw l-inklużjoni ta' żoni fil-beraħ oħra fejn x'aktarx li jinġabru membri tal-pubbliku, inkluż it-tfal, il-minuri jew in-nies vulnerabbli, f'azzjonijiet komplementari li jipprevjenu l-użu u l-vizzju tat-tabakk u n-nikotina, u li jikkontribwixxu għal ambjenti komprensivi mingħajr duħħan u aerosols. Tali spazji jistgħu jinkludu, fost l-oħrajn, żoni fil-beraħ fejn jiġu organizzati avvenimenti, awditorji u żoni tal-ispettaturi f'avvenimenti pubbliċi, u spazji assoċjati ma' bini miftuħ għall-pubbliku minn fejn x'aktarx jgħaddu ħafna nies bil-mixi (pereżempju daħliet taċ-ċentri kummerċjali, il-btieħi tal-bini miftuħ għall-pubbliku).

10. Jikkunsidraw l-inklużjoni ta' żoni oħra, bħal karożżi privati fejn huma preżenti t-tfal, il-minuri jew in-nies vulnerabbli, f'azzjonijiet komplementari li jipprevjenu l-użu u l-vizzju tat-tabakk u n-nikotina, u jikkontribwixxu għal ambjenti komprensivi mingħajr duħħan u aerosols.
11. Jiżviluppaw u/jew isaħħu l-politiki dwar ambjenti mingħajr duħħan u aerosols billi:
 - a) Jiżviluppaw strateġiji u programmi nazzjonali biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva mill-esponiment għad-duħħan u għall-aerosols mingħand ħaddieħor.
 - b) Japplikaw u/jew jiżviluppaw kampanji ta' prevenzjoni, ta' waqfien mit-tipjip u ta' sensibilizzazzjoni bħal kampanji edukattivi, informattivi u biex jintlaħqu n-nies, sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-miżuri kontra d-duħħan u l-aerosols. Tali kampanji jistgħu jkunu parti wkoll mill-inizjattivi biex jitnaqqas il-vizzju. Dawn jistgħu jkunu bbażati fuq l-inizjattivi ta' prevenzjoni inklużi fil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u/jew jissupplimentawhom.
 - c) Jiżguraw li hemm fis-seħħ strutturi u mekkaniżmi xierqa li jippromwovu l-konformità u japplikaw u/jew jiżviluppaw l-aħjar prassi li jistgħu jtejbu l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' miżuri għal ambjenti mingħajr duħħan u aerosols.
12. Jaħdmu flimkien fuq l-iskambju tal-aħjar prassi dwar l-iżvilupp ta' politiki, programmi u strateġiji ġodda kontra d-duħħan u l-aerosols jew it-tisħiħ ta' dawk eżistenti biex jiġi żgurat li jkunu komprensivi, u fuq it-tfassil u l-ittestjar pilota ta' approċċi ambizzjużi u effiċjenti lejn il-kisba ta' ambjenti mingħajr duħħan u aerosols.

13. Jikkooperaw mill-qrib ma' xulxin u mal-Kummissjoni biex jiżviluppaw qafas koerenti ta' definizzjonijiet, ta' punti ta' riferiment u ta' indikaturi għall-implimentazzjoni effettiva ta' din ir-Rakkomandazzjoni u jimmonitorjaw, jevalwaw u jaġġornaw il-miżuri tagħha, kif xieraq.
14. Jirrapportaw lill-Kummissjoni, fejn applikabbli fil-kuntest ta' obbligi diġà eżistenti, dwar l-implimentazzjoni u l-progress tal-miżuri meħuda inizjalment tliet snin wara l-adozzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u kull ħames snin minn hemm 'il quddiem.

Ir-Rakkomandazzjoni 2009/C 296/02 hija sostitwita minn din ir-Rakkomandazzjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President
